MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Numru. 805/2011

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jonathan Zammit ta` 25 sena, bin il-mejjet Charles u Rita nee` Vella, imwieled nhar 13 ta' Dicembru 1985 gewwa l-Pieta. Residenti 58, Flat 5, California Flats, Triq l-Alka San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 6686M.

Talli;

Nhar id-9 ta` Lulju 2011 ghall-habta ta` nofs in-nhar gewwa Pjazza Rotunda il-Mosta u aktar tard gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta attaka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb, b`xorta li ma titqiesx vjolena pubblika, kontra l-Ispettur Edmond Cushcieri, PS 1574 Renaldo Cremona, PC 1582 Mario Spiteri, PC 1214

Malcolm Sammut u PC 811 Sergio Pisani, persuni inkarigati skond il-ligi min servizz pubbliku, fil-waqt li kien qedghin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghtija skond il-ligi min awtorita kompetenti.

U ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` nies inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe fuq il-persuna ta' L-Ispettur Edmond Cushcieri, PS 1574 Renaldo Cremona, PC 1582 Mario Spiteri, PC 1214 Malcolm Sammut u PC 811 Sergio Pisani, waqt li kien qedghin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxu fuqhom kontra ligi fl-eskuzzjoni ta` dak is-servizz.

U ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi il- hsieb li jikkometti delitt wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt billi itanta li jikkaguna feriti gravi, fuq il-persuna ta` PC 1582 Mario Spiteri liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill volonta tal-imputat.

U ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji u jew theddid bil-fomm lil Ispettur Edmond Cuschieri, PS 1574 Renaldo Cremona, PC 1582 Mario Spiteri, PC 1214 Malcolm Sammut u PC 811 Sergio Pisani.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura li ggib numru ta registrazzjoni ABS302 ta` ghamla Mercedes b`mod perikoluz, traskurat u negligenti.

U ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.
Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta' gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-imputat ghamel zmien konsiderevoli taht arrest preventiv f'din il-kawza, liema zmien ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-piena;

Rat li l-imputat skuza ruhu mal-Ispettur Cuschieri ghal dan l-incident;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 96, 95, 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(a), 338(bb), 339(1)(e), 338(dd), 17, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a), (2), (3) u 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll ir-Regolamenti 4 u 10 tal-Avviz Legali 344.2005;

Din il-Qorti fuq ammissjoni m'ghandiex ghazla hlief li ssib lill-istess imputat Jonathan Zammit hat skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qeghda tikkundanah xaharejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR. ANTHONY J. VELLA BA,LL.D.,MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------